Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 126/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Anthony Pandolfino**

Seduta tal-4 t' Ottubru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Anthony Pandolfino, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 579943M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Marzu 2017 u fix-xhur u snin ta' qabel:

Permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, bhala persuna f'Malta, ghamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi

magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taht l-età [Art 208A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (12-il xahar sa 5 snin)];

Aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghal wiri, f'post pubbliku jew f'post accessibli ghal pubbliku, immanufattura, stampa jew xort' ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le [Art 208(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (6 xhur sa 12-il xahar u/jew multa minn €1,000 sa €3,000)];

Aktar talli fl-istess cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-età [Art 208A (1B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (0 sa 3 snin)];

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidhrilha xieraq joghgobha tordna hrug ta' Ordni ta' Trattament skond l-Art 412 D tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta. Kif ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux ikunu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Marzu, 2017 li biha, wara li qieset ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu, sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu kumplessivament ghal hames snin prigunerija effettivi u multa ta' tlett elef Ewro (€3,000). Il-Qorti harget ukoll fil-konfront tieghu Ordni ta' Trattament li, skond l-Artiklu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tibqa' fis-sehh ghal tlett snin u dan skont it-termini tad-digriet li jinsab anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata kif gej billi **tikkonfermaha** fil-parti tar-reita', **thassarha u tirrevokaha** fil-parti tal-piena billi minflok l-piena inflitta tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa wiehed limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi l-eta avvanzata ta' tlieta u sebghin sena tal-appellant u l-problemi ta' sahha tieghu ghandhom jimmilitaw favur tnaqqis fil-piena erogata. L-istess appellant, anke jekk mhux b'forma ta' aggravju irrileva illi waqt il-prolazzjoni tas-sentenza, l-ewwel Qorti kienet rrakomandat lid-direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li l-imputat ikun mizmum fil-*Forensic Unit* sakemm jirkupra sahhtu;

2. Illi waqt is-sottomissjonijiet orali, l-avukat difensur tal-appellant irrileva possibbli difett fl-*iter* processwali konsistenti filli l-ewwel Qorti naqset milli tistaqsi lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun trattat bil-procedura sommarja. L-appellant ghamilha cara li ma kienx qed jaghmel din l-osservazzjoni bhala eccezzjoni preliminari. Minkejja dan, stante li l-kompetenza tal-Qrati hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, din il-Qorti ghandha d-dover illi tqajjem hi stess u tiddetermina il-kwistjoni;

3. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi meta l-appellant, allura imputat, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, sar l-ezami tieghu fit-termini tal-artikolu 392 (1) (a) tal-Kodici Kriminali fejn allura kien mistoqsi ismu u kunjomu, kemm il-sena ghandu, fejn twieled u fejn joqghod, is-sengha, professjoni jew stat iehor tieghu, l-isem u l-kunjom ta' missieru, u jekk missieru hux haj jew mejjet kif ukoll fit-terminu tas-subartikolu (2) igifieri jekk iridx u xi jrid iwiegeb ghall-akkuza. L-imputat kien wiegeb ghall-kull wahda minn dawn il-mistoqsijiet u ghall-ahhar wahda wiegeb hati. Il-Qorti, wara t-twissija solenni

ravvizata fl-artikolu 392A (1) ghaddiet ghal prolazzjoni tas-sentenza skond is-subartikolu (2);

4. Issa, skond l-artikolu 370 (4) (a), meta d-delitt allegat kontra l-imputat ikun igorr piena ta' aktar minn sentejn izda mhux aktar minn sitt snin, il-Qorti ghandha , qabel ma tghaddi ghall-ezami appena indikat fl-artikolu 392 (1), tistaqsi lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja. Harsa lura lejn l-atti processwali, senjatament lejn fol 20 li huwa l-verbal tal-ewwel seduta quddiem il-Qorti Istruttorja, turi illi f'dik is-seduta l-prosekuzzjoni kienet prezentat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-artikolu 370(4) tal- Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat bi procedura sommarja. L-ewwel Qorti umbaghad iddikjarat illi kienet qed tirrizolvi ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

5. Il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fi kwistjoni ta' natura kriminali 'l hinn mill-kompetenza ordinarja taghha ex artikolu 370(1) tal-Kap 9 hi radikata mhux biss bil-kunsens tal-Avukat Generali, f'dan il-kaz, izda ukoll bin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bil-procedura sommarja. L-artikolu 370(4)(a) tal-Kap 9 huwa car meta jipprovdi li "*jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkuzat huwa wiehed li ghalih hemm piena ta' prigunerija ghal zmien ta' aktar minn sentejn izda mhux aktar minn sitt snin, il-qorti ghandha, waqt l-ezami tal-akkuzat skond l-artikolu 392 izda qabel ma jigi ezaminat skond is-subartikolu (1)(b) ta' dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u l-qorti ghandha taghtih zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija*". Wara dan, is-subartikolu (b) jobbliga lill-qorti li tistaqsi jekk l-Avukat Generali jkunx ta l-kunsens tieghu bil-miktub ghall-procedura sommarja u jekk ma ssir ebda oggezzjoni mill-imputat, u hemm biss il-Qorti ssir kompetenti li titratta l-kaz;

6. In-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat mhix haga li tista' tkun implicita, per ezempju bl-ammissjoni tieghu bhal f'dan il-kaz. Il-ligi hija cara u univoka u tezigi li din il-mistoqsija ssir qabel l-ezami tal-imputat;

7. Issa, kif tajjeb osserva l-avukat difensur tal-appellant, Dr. Roberto Montalto, l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali jista' possibilment jilqa' ghal kwistjoni bhal dik odjerna u dan stante illi fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, allura kompriz dak Istruttorju, l-imputat jista' jammetti l-imputazzjonijiet u l-Qorti tista' tghaddi biex taghti s-sentenza. L-appellant huwa korrett f'din l-osservazzjoni u ghalhekk anke jekk l-ewwel Qorti inizzjalment ma kienitx kompetenti li tisma' l-kawza bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tali kompetenza rrizultat bl-ammissjoni sussegwenti tal-imputat fit-termini tal-artikolu 392A (1) u (2);

8. Bl-artikolu appena citat, f'kull kaz fejn l-Avukat Generali ma jkunx ghadu ta l-kunsens tieghu ghall-procedura sommarja jew bhal fil-kaz odjern l-imputat ikun oggezzjona ghal tali procedura jew irrizerva li jwiegeb fi stadju ulterjuri, il-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza u dan fi kwalunkwe stadju tal-proceduri u fejn il-piena erogabbli hi ta' mhux aktar minn tnax-il sena prigunerija. Is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jaghmilha cara illi din hija disposizzjoni tal-ligi minkejja kull disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra u din il-Qorti ghalhekk tifhem li hu kompriz allura l-artikoli 370 dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati;

9. Illi dan l-artikolu, ghalhekk jissana d-difett fil-procedura adoperata mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kellha tibghat l-atti lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem skond l-artikolu 392A(2) u dan m'ghamlitux ghaliex kienet konvinta bil-kompetenza taghha kif fuq spjegat. Minkejja dan, l-Avukat Generali ma intavola l-ebda appell u ghalhekk dak in-nuqqas ma hu ta' ebda konsegwenza;

1. Din il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra l-lanjanza tal-appellant rigward il-piena kominata senjatament ghaliex l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, l-eta' u l-qaghda ta' sahhtu. Fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri tal-5 ta' Lulju 2002, kien ritenut illi l-ammisjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Pero' fis-sentenza Il-Pulizija vs Emmanuel Testa (App Krim 17.07.2002) il-Qorti kienet iddeskreviet bhala "regoli generali" dawk li ghandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni u taghmel referenza imbaghad ghal dak ritenut dwar regoli generali mfissra fis-sentenza preliminari Ir-Repubblika ta' Malta v Nicholas Azzopardi tal-24 ta' Frar, 1997;

2. Ezaminati l-artikoli li jistabbilixxu l-piena erogabbli ghad-delitti li ghalihom ammetta l-appellant, l-aktar wiehed gravi fosthom huwa dak ravvizat fl-ewwel imputazzjoni li ggib maghha piena ta' prigunerija minn tnax-il xahar sa hames snin. L-appellant donnu qed jargumenta illi inghata l-piena massima minkejja l-ammissjoni bikrija tieghu. Bl-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, l-appellant kien soggett ghall-piena ghad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien. Inoltre, bl-ammissjoni tieghu stess, kien dikjarat recediv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali liema artikolu kien indikat ukoll mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u dan igib mieghu l-possibilita' ta' zieda fil-piena bi grad li tissarraf f'piena ta' prigunerija ta' mhux anqas minn tmintax-il xahar u mhux aktar minn sitt snin kwantu l-ewwel imputazzjoni;

10. Issa, l-ewwel Qorti ddikjarat li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u in effetti la darba ma erogatx il-piena fil-massimu taghha, iffisser biss li sarrfet dik il-konsiderazzjoni fi tnaqqis fattwali tal-piena. Kwantu ghall-kwistjoni sollevata tal-eta' u s-sahha tal-imputat, din il-Qorti ma

tarax kif dawn ghandu jkollhom xi sehem fil-kalkolazzjoni tal-piena fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena la darba din kienet fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn x'jiddemostra li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt erogata;

11. Kwantu ghall-ilment tal-appellant li s-sentenza tal-ewwel Qorti ma ssemmi xejn dwar it-talba tieghu biex jinzamm fis-sezzjoni forensika sakemm jirkupra sahhtu, l-ewwel Qorti kienet laqghet ghal dan bid-digriet taghha u llum li ghaddew sena u seba' xhur minn meta kellu jissubixxi intervent mediku kif ukoll li l-appellant ma semma xejn fis-sottomissjonijiet tieghu wara t-trapass ta' dan iz-zmien, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-ilment ;

12. L-appell ghalhekk qed ikun michud u s-sentenza **konfermata** fl-intier taghha;

13. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat minnufih lir-Registratur tal-Qrati fit-termini tal-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-ligijiet ta' Malta.